**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **11 TA' ĠUNJU 2017**

## L-Ewwel Tqarbina

Illum is-Sibt 10 ta' Ġunju 2017 fis-6:15pm issir l-ewwel ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina fil-Parroċċa tagħna. Il-quddiesa tas-6:30pm issir fis-Sala Sant'Anna u San Ġwakkin.

Għada / Illum il-Ħadd 11 ta' Ġunju 2017 fl-10:15am issir it-tieni ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina fil-Parroċċa tagħna. Il-quddies tad-9:15am u tal-11:30am isiru fis-Sala Sant'Anna u San Ġwakkin. Nawguraw lit-tfal kollha li se jirċievu l-Ewwel Tqarbina fil-Parroċċa tagħna u nkomplu nitolbu għalihom u għall-familji tagħhom.

## Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti

Illum is-Sibt 10 ta' Ġunju 2017 fil-Parroċċa ta' Pembroke fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

## Festa ta' Sant'Antnin ta' Padova

It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017 fil-Kappella tal-Park ta' Sant'Antnin issir il-festa ta' Sant'Antnin ta' Padova. Se jkun hemm quddiesa fl-10:00am u oħra fis-7:00pm. Inħeġġukom sabiex nattendu u wara l-quddiesa jkollna l-ħobż biż-żejt u *drinks*.

## Mothers' Prayers

L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017 l-ommijiet kollha huma mistiedna sabiex nitolbu b'mod speċjali għal uliedna. Fid-9:30am tiġi ċċelebrata quddiesa fil-Kappella tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna u wara jsir talb speċjali għall-ulied. Nispiċċaw b'mument ta' riflessjoni mill-viċi Fr Luke Cutajar sa 11:45am. L-ommijiet imħeġġa' jattendu.

## Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità

L-Erbgħa 14 ta' Ġunju ser isir Coffee Morning organizzat mill-grupp tal-anzjani tal-Ispiritwalità.

## Magħmudija Komunitarja

Fis-16 ta' Ġunju 1947, propju 70 sena ilu beda ix-xogħol fuq l-istatwa titular ta' Sant'Anna meta Dun Tarċis Agius ta' l-ewwel daqqa bil-martell fuq iz-zokk li hija magħmula minnu l-istatwa ta' Sant'Anna. Biex infakkru din il-ġurnata fil-quddiesa tas-6.30pm ser issir il-Magħmudija ta' erba' trabi ġodda fil-komunità tagħna.

**L-Ewwel Tqarbina**

Il-Ħadd 18 ta' Ġunju 2017 fl-10:15am issir it-tielet ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina fil-Parroċċa tagħna. Il-quddies tad-9:15am u tal-11:30am isiru fis-Sala Sant'Anna u San Ġwakkin. Inħeġġu lit-tfal tal-Ewwel Tqarbina flimkien mal-familja tagħhom sabiex qabel din il-ġurnata għażiża jersqu lejn is-Sagrament tal-Qrar.

***BBQ* fuq iz-Zuntier**

Il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2017, huwa xahar eżatt qabel il-festa ta' Sant'Anna, għalhekk ser norganizzaw *BBQ* fuq iz-zuntier tal-knisja u li fih ser nixegħlu għall-ewwel darba l-ġenb tal-knisja bil-bozoz *LEDs*. Nibdew fis-7:30pm u ser ikun hemm ukoll varjetà ta' għanjiet Maltin mill-*band* tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tattendu u biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija.

**Lill-Edukaturi u lil Ex-Għalliema**

Fix-xahar tal-Lulju qed nippjanaw li nagħmlu attività ta' talb għall-edukaturi li jinkludu għalliema, LSA's, katekisti u kull min jagħti servizz ta' tagħlim lit-tfal u ex-għalliema. Jekk jogħġobkom wara l-quddiesa jidħlu fis-sagristija biex tħallu d-dettalji tagħkom. Grazzi ħafna.

**Ħolqa Bejnietna – Ktieb tal-Festa 2017**

Dawk li jixtiequ jirreklamaw fil-ħarġa speċjali tal-Programm tal-Festa ta' Sant'Anna, jistgħu ikellmuna fis-sagristija.